ENVIRONMENT AND PLANNING
REVIEW TRIBUNAL
RECEIVED
29 NOV 2022
ST. FRANCIS DITCH
FLORIANA

319

FIT-TRIBUNAL TA' REVIŻJONI DWAR L-AMBJENT U L-IPPJANAR

| | |
|---|---|
| **Applikazzjoni** | PA/02824/21 |
| **Post** | Quarry HM 21, Triq l-Imdina, Vjal il-Labour & unnamed street off, Vjal il-Labour, Naxxar |
| **Proposta** | Formation of emergency gate at the north part of the quarry |
| **Applikant** | Carmel Vella Ltd |

**RIKORS TAL-APPELL ta' Carmel Vella Ltd (C-2493)**

Tesponi bir-rispett:

Illi s-soċjetà esponenti ippreżentat l-applikazzjoni in kwistjoni.

Illi permezz ta' deċiżjoni datata 26 ta' Ottubru 2022, l-Awtorità appellata ċaħdet l-applikazzjoni fuq il-premessa li:

*1 The proposal runs counter to Urban Objective 3 of the Strategic Plan for Environment and Development which aims to identify, protect and enhance the character and amenity of urban areas.*

Illi s-soċjetà esponenti ħasset ruħha aggravata b'dan il-permezz u għalhekk qed tippreżenta appell mill-approvazzjoni tal-istess permess.

Illi l-aggravji tas-soċjetà esponenti huma s-segwenti:

1. Illi essenzjalment l-applikazzjoni ġiet miċħuda minħabba allegat kunflitt ma' applikazzjoni oħra PA/662/21 li bħalissa tifforma l-mertu ta' appell pendenti quddiem dan it-Tribunal bin-numru ta' referenza PAB/00204/22.

2. Illi l-proposta ta' żvilupp *de quo* hija għal kollox konformi mal-*policies* applikabbli u kellha tiġi milqugħa.

3. Illi kemm-il darba jintlaqa' l-appell PAB/00204/22 ma jkun għad fadal l-ebda ostaklu għall-akkoljiment tal-applikazzjoni *de quo*.

4. Illi minflok ma issoprasjediet sal-eżitu finali tal-appell PAB/00204/22, l-Awtorità appellata ċahdet din l-applikazzjoni.

5. Illi għalhekk ikun opportun li dan l-appell jinstema' flimkien mal-appell PAB/00204/22 għaliex deċiżjoni f'dak l-appell ikollha effett fuq l-eżitu ta' dan l-appell.

6. Illi r-raġunijiet li fuqhom ġiet miċħuda din l-applikazzjoni huma bla bażi għaliex il-proposta ta' żvilupp hija konformi mal-*policies* tal-ippjanar.

Għaldaqstant, għar-raġunijiet premessi is-soċjetà appellanti titlob bir-rispett ir-revoka tad-deċiżjoni appellata u minflok tilqa' l-applikazzjoni PA/02824/21.

Avv. Massimo Vella
43E, St. Paul's Buildings
West Street
Valletta

Esponenti: Carmel Vella Limited, Labour Avenue, Naxxar

**Elenku tax-Xhieda ta' Carmel Vella Limited (C-23652)**

1. Rappreżentanti tal-esponenti għall-konferma tal-fatti dikjarati;

2. Il-Perit Dario Mangion sabiex jixhed dwar il-fatti tal-każ;

3. Rappreżentanti tal-Awtorità tal-Artijiet sabiex jixhdu dwar il-fatti tal-każ;

4. Rappreżentanti tal-Awtorità tal-Ippjanar sabiex jixhdu dwar il-fatti tal-każ;

5. Rappreżentanti tal-Kunsill Lokali Naxxar sabiex jixhdu dwar il-fatti tal-każ;

Avv. Massimo Vella
43E, St. Paul's Buildings
West Street
Valletta